

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

11.3.2009

B6-0115/2009 }  
B6-0116/2009 }  
B6-0117/2009 }  
B6-0119/2009 }  
B6-0120/2009 } RC1

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- José Ribeiro e Castro, Charles Tannock, Bernd Posselt, Tunne Kelam, Filip Kaczmarek, Laima Liucija Andrikiene u Eija-Riitta Korhola, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Pasqualina Napoletano u Emilio Menéndez del Valle, f'isem il-Grupp PSE
- Johan Van Hecke, Thierry Cornillet u Eugenijus Maldeikis, f'isem il-Grupp ALDE
- Adam Bielan, Ewa Tomaszewska, Mieczysław Edmund Janowski u Konrad Szymański, f'isem il-Grupp UEN
- Margrete Auken, f'isem il-Grupp Verts/ALE

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- PPE-DE (B6-0115/2009)
- PSE (B6-0116/2009)
- UEN (B6-0117/2009)
- ALDE (B6-0119/2009)
- Verts/ALE (B6-0120/2009)

dwar il-Ginea Bissaw

RC\774569MT.doc

PE420.376v01-00}  
PE420.377v01-00}  
PE420.378v01-00}  
PE420.380v01-00}  
PE420.381v01-00} RC1

**MT**

**MT**

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Ginea Bissaw

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-UE tat-3 ta' Marzu 2009 dwar l-avvenimenti traġiċi fil-Ginea Bissaw,
  - wara li kkunsidra kemm l-elezzjonijiet presidenzjali (9 ta' Ġunju 2005) u kif ukoll dawk parlamentari (Novembru 2008),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-4 ta' Marzu 2009 dwar il-kriżi politika attwali fil-Ginea Bissaw,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana (AU) tat-2 ta' Marzu 2009,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fit-2 ta' Marzu 2009 suldati ribelli sparaw lill-President Joao Bernardo Vieira, bosta sigħat wara attack bil-bombi li qatel lill-Kap tal-Istat Maġġur tal-armata, il-General Tagme Na Waie; billi l-qtil neħħa żewġ figuri u rivali b'saħħithom ħafna li kienu ħelsu minn diversi attentati fuq ħajjithom fl-aħħar erba' xhur,
- B. billi l-attakki ma tqiesux bħala kolp ta' stat, u billi l-Kunsill għall-Paċi u s-Sigurtà tal-AU ma ssospendiex lill-Ginea Bissaw bħalma għamel lill-ġirien tagħha l-Ginea u l-Mawritanja wara kolpi ta' stat is-sena li għaddiet,
- C. billi l-I-speaker li ġie elett dan l-aħħar tal-Assemblea Nazzjonali, Raimundo Pereira, ingħata l-ġurament tal-ħatra bħala president għal perjodu limitat sakemm isiru l-elezzjonijiet, kif stipulat fil-Kostituzzjoni; billi Raimundo Pereira appella lill-komunità internazzjonali biex tgħin tistabbilizza lill-pajjiż,
- D. billi l-għexieren ta' snin ta' instabilità politika fil-Ginea Bissaw wasslu lill-pajjiż fi kriżi serja, ikkaratterizzata b'nuqqas ta' aċċess għal ilma nadif, għas-servizzi tas-saħħa u għall-edukazzjoni u b'ħaddiema tas-servizz ċivili f'ħafna ministeri li ilhom xhur ma jitħallsu, u billi l-pajjiż huwa wieħed minn numru żgħir ta' Stati fuq l-aġenda tal-Kummissjoni għall-Bini tal-Paċi tan-Nazzjonijiet Uniti, li għandha l-għan li tgħin pajjiżi foqra biex jevitaw li jerġgħu lura għall-gwerra jew għall-kaws; billi l-assassinji waslu fi żmien ta' involviment akbar mill-UE u mill-komunità internazzjonali bl-għan li jkun hemm Ginea Bissaw demokratika u stabbli;
- E. billi minn Ġunju 2008 'l hawn l-UE kienet qed tipprovdi pariri u għajnuna biex tiġi appoġġjata r-riforma tas-settur tas-sigurtà fil-Ginea Bissaw permezz tal-missjoni tagħha tal-ESDP 'Riforma UE tas-Settur tas-Sigurtà (SSR) fil-Ginea Bissaw',
- F. billi l-elezzjonijiet parlamentari ta' Novembru 2008 kienu test importanti għall-Ginea

RC\774569MT.doc

PE420.376v01-00}  
PE420.377v01-00}  
PE420.378v01-00}  
PE420.380v01-00}  
PE420.381v01-00} RC1

Bissaw, li t-tranżizzjoni tagħha għat-tmexxija demokratika kellha bżonn kbir ta' impetu għdid; billi l-elezzjonijiet kienu mfaħħra kemm miċ-ċittadini u minn osservaturi internazzjonali, b'mod partikolari l-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-UE, u wittiet it-triq għal appoġġ imsaħħaħ min-NU għall-isforzi tal-bini tal-paċi fil-pajjiż; billi, matul il-perjodu tal-elezzjonijiet, il-forzi militari ma involvewx ruħhom fil-proċess elettorali u baqgħu impenjati biex jiggarrantixxu ambjent paċifiku,

- G. billi l-assassinji jidhru li kienu relatati mat-tensjoni politika li ġejja minn rivalitajiet antiki, divizionijiet etniċi u instabilità fl-armata, u l-preżenza li kulma jmur qed tikber ta' interessi ta' traffikar tad-drogi fil-pajjiż, li joħlqu sitwazzjoni ta' sfond kumplessa u perikoluża ħafna li l-ħin kollu ddgħajjef l-abilità tal-pajjiż li jirkupra,
- H. billi l-provi li kulma jmur qed jiżdiedu ta' traffikar ta' drogi li jseħħ fir-reġjun u li jgħaddi minnu juru kif dan sar periklu ewlieni għall-Afrika tal-Punent kollha kemm hi u diġà hu ta' theddida kbira wkoll għall-Unjoni Ewropea billi jaffettwa r-reġjuni ġirien,
- I. billi l-Ginea Bissaw qed tiffaċċja problema ta' traffikar ta' drogi u sservi ta' punt ta' tranżitu ewlieni għad-drogi bejn l-Amerika ta' Isfel u l-Ewropa, u billi t-traffikar tad-drogi huwa theddida serja għall-istabilità politika tal-pajjiż,
1. Jikkundanna b'mod qawwi l-assassinji tal-President tal-Ginea Bissaw, Joao Bernardo Vieira, u tal-kap tal-forzi armati, il-Ġeneral Tagmé Na Waié, li seħħew fl-1 u fit-2 ta' Marzu 2009 rispettivament;
  2. Joffri l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji tal-President Joao Bernardo Vieira u tal-Ġeneral Na Waié, li mietu, u lill-poplu tal-Ginea Bissaw;
  3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw biex jinvestigaw bir-reqqa dawn id-delitti u jressqu lil dawk li kienu responsabbli quddiem il-ġustizzja, u jstieden lill-komunità internazzjonali biex tuża l-influwenza kollha meħtieġa u tipprovdi l-appoġġ kollu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan; jirrimarka li l-każijiet li jinvolvu l-assassinji tal-Ġenerali Ansumane Mané (2000) u Veríssimo Correia Seabra (2004) għadhom ma ġewx solvuti, u l-qattielja rispettivi lanqas ġew misjuba, mħarrka u mtella' l-qorti; jenfasizza li l-impunità mhix soluzzjoni;
  4. Jilqa' b'sodisfazzjon il-wegħda tal-armata li tirrispetta l-Kostituzzjoni tal-Ginea Bissaw, u jitlob rispett strett tal-ordni kostituzzjonali tal-pajjiż;
  5. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha biex isolvu t-tilwimiet tagħhom pemezz ta' mezzi politiċi u paċifiċi fil-qafas tal-istituzzjonijiet tal-Ginea Bissaw u jopponi kwalunkwe tentattiv biex jinbidel il-gvern b'mezzi li jmorru kontra l-kostituzzjoni;
  6. Jittama li l-elezzjonijiet presidenzjali jseħħu fi żmien 60 ġurnata, kif stipulat fil-Kostituzzjoni, u jstieden lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali biex jiżguraw li l-Ginea Bissaw tirċievi l-appoġġ finanzjarju u tekniku li teħtieġ biex torganizza elezzjonijiet kredibbli;

7. Jenfasizza li hemm il-periklu li l-Ginea Bissaw tibqa' instabbli u inkapaçi li tindirizza l-korruzzjoni rampanti jew li tbiddel l-istatus tagħha bħala pajjiż ta' tranżitu ewlieni għad-drogi sakemm l-istituzzjonijiet tagħha jibqgħu strutturalment dgħajfa;
8. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-AU, lill-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), lill-Komunità ta' Pajjiżi li fihom hu mitkellem il-Portugiż (CPLP) u membri oħra tal-komunità internazzjonali biex jimmoniterjaw l-iżviluppi fil-Ginea Bissaw, biex jgħinu sabiex jiġi ppreservat l-ordni kostituzzjonali u biex ikomplu jappoġġjaw l-isforzi tal-bini tal-paçi fil-pajjiż;
9. Jitlob li jkun hemm taħdidiet immedjati bejn id-diversi fazzjonijiet politiçi fil-pajjiż bil-għan li jsir programm li l-partijiet interessati kollha jimpenjaw ruħhom fir-rigward tiegħu, li jkun jinkludi t-tħaffif tar-riformi fis-settur tas-sigurtà, liġi elettorali riveduta, riforma tal-amministrazzjoni pubblika, miżuri kontra l-korruzzjoni, l-istabilizzazzjoni makroekonomika u l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali;
10. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li ttieħdet fit-3 ta' Marzu 2009 mill-ECOWAS biex tintbagħat delegazzjoni ministerjali fil-Ginea Bissaw, li tkun magħmula minn ministri min-Niġerja, mill-Burkina Faso, mill-Kap Verde, mill-Gambja u mis-Senegal, akkumpanjata mill-President tal-Kummissjoni tal-ECOWAS, u d-deċiżjoni simili li ttieħdet l-istess ġurnata mis-CPLP biex tintbagħat missjoni politika fil-Ginea Bissaw, immexxija mis-Segretarju tal-Istat Portugiż għall-Affarijiet Barranin u l-Koperazzjoni, li t-tnejn li huma jinvolvu l-partijiet interessati kollha fi sforz biex jerġa' jkun hemm fiduċja fost il-parteċipanti politiçi, il-forzi tas-sigurtà u s-soċjetà ċivili u biex il-pajjiż jerġa' jirritorna għan-normalità kostituzzjonali;
11. Jiġbed l-attenzjoni, bi tħassib serju, dwar it-theddida li t-trasbord tad-drogi minn postijiet 'il bogħod bħall-Kolombja u l-Afganistan u t-traffikar tal-persuni jippreżentaw għall-konsolidazzjoni tal-paçi fil-Ginea Bissaw u għall-istabilità tar-reġjun tal-Afrika tal-Punent, u jstieden lill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, b'appoġġ xieraq mill-ECOWAS, biex jiżviluppaw pjan reġjonali ta' azzjoni biex jindirizzaw din l-isfida;
12. Jistieden lill-Kummissjoni għall-Bini tal-Paçi (PBC) tan-NU biex tgħin sabiex l-għajnuna li ġiet imwiegħda (kemm finanzjarja u kif ukoll teknika) mid-donaturi tibqa' għaddejja, b'mod partikolari għar-riformi tas-settur tas-sigurtà u dawk amministrattivi u l-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi;
13. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jibqgħu jipprovdu pariri u għajnuna biex tiġi appoġġjata r-riforma fis-settur tas-sigurtà fil-Ginea Bissaw permezz tal-missjoni ESDP 'UE SSR Ginea Bissaw' u biex jirrapportaw dwar il-progress li diġà sar;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarji Ġenerali tan-NU u tal-ECOWAS, lill-istituzzjonijiet tal-AU, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE, lis-Segretarjat tas-CPLP u lill-Gvern u l-Parlament tal-Ginea Bissaw.